A.L. 217 ta' l-2001

ATT TA' L-2001 DWAR IL-HARSIEN TA' L-AMBJENT (ATT NRU. XX TA' L-2001)

Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 3, 9, 19, 23 u 28 ta' l-Att ta' l-2001 dwar il-Harsien ta' l-Ambjent, il-Ministru ta' l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu tis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ambjent jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu ħekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti u għal finijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

Skop.

2. L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu biex jiżgura l-libertà ta' aċċess għal, u t-tixrid ta' informazzjoni dwar l-ambjent li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi, u biex jistipulaw il-pattijiet u l-kondizzjonijiet bażiċi li dwarhom għandha tiġi magħmula disponibbli dik l-informazzjoni.

Tifsiriet.

3. Għall-fini ta' dawn ir-regolamenti -

"awtorità kompetenti" tfisser id-Dipartiment għall-Harsien ta' l-Ambjent taħt id-direzzjoni tad-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent u ta' tali korp jew persuna oħra li l-Ministru responsabbli għall-ambjent jista' b'ordni fil-Gazzetta jippreskrivi, u jistgħu jissemmew korpi jew persuni differenti bħala l-awtorità kompetenti għal disposizzjonijiet differenti u għal finijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti;

"awtoritajiet pubbliċi" tfisser kull amministrazzjoni pubblika f'livell nazzjonali, reġjonali jew lokali li jkollha xi responsabbiltà u informazzjoni konnessa ma' l-ambjent bl-eċċezzjoni ta' korpi li jaġixxu f'kapaċità ġudizzjarja jew leġislattiva;

"informazzjoni dwar l-ambjent", tfisser kull informazzjoni disponibbli f'ghamla miktuba, viżiva, li tinstema' jew ta' *database* dwar l-istat ta' l-ilma, l-arja, l-art, il-fawna, il-flora, l-art u s-siti naturali, u dwar attivitajiet (inklużi dawk li jaghtu lok ghal xi fastidju bhalma huma l-hoss) jew miżuri li jkunu jaffettwaw hażin, jew x'aktarx jaffettwaw hażin dan kollu, u fuq attivitajiet jew miżuri intiżi biex jipproteġu dan kollu, inklużi miżuri amministrattivi u programmi ta' maniġġjar ambjentali.

Talba bil-miktub ghal taghrif.

4. Persuna tista' titlob lill-awtorità kompetenti, bil-miktub jew bil-posta elettronika, tipprovdilha kull informazzjoni dwar l-ambjent li hi nnifsha jista' jkollha jew li awtoritajiet pubblici ohra jista' jkollhom.

L-awtorità kompetenti ghandha taghti dak it-taghrif.

5. L-awtorità kompetenti ghandha, jekk ikollha l-informazzjoni mitluba, fi żmien tletin ġurnata tax-xogħol tipprovdi risposta f'ghamla miktuba, viżiva, li tinstema', jew ta' *database* ghal kull talba ghal informazzjoni konnessa ma' l-ambjent.

L-awtoritajiet pubblici ghandhom ukoll jiġu kkonsultati.

6. L-awtorità kompetenti ghandha, fi żmien sebat ijiem bil-miktub jew bil-posta elettronika, tghaddi talba ghal informazzjoni dwar l-ambjent lill-awtoritajiet pubblici kompetenti, li jkollhom l-informazzjoni mitluba.

Iżda korpi li jkollhom xi responsabbiltà pubblika ghall-ambjent u li jkunu taht il-kontroll ta' l-awtoritajiet pubblici, jistghu wkoll jintalbu jipprovdu informazzjoni, konnessa ma' l-ambjent, permezz ta' l-awtorità pubblika kompetenti.

L-awtorità pubblika ghandha taghti t-taghrif mitlub.

7. L-awtoritajiet pubblici kompetenti ghandhom iwasslu r-risposta taghhom ghall-informazzjoni mitluba dwar l-ambjent f'ghamla miktuba, viżiva, li tinstema' jew ta' *database* lill-awtorità kompetenti fi żmien hamsa u tletin ġurnata minn meta t-talba ghall-informazzjoni dwar l-ambjent tkun ġiet ippreżentata lilhom mill-awtorità kompetenti.

L-awtorità kompetenti taghti t-taghrif miksub lil min jitolbu.

8. L-awtorità kompetenti ghandha tipprovdi lill-persuna li tkun talbet l-informazzjoni dwar l-ambjent, risposta f'ghamla miktuba, viżiva, li tinstema' jew ta' *database*, fi żmien hmistax-il ġurnata minn meta l-awtoritajiet pubblici kompetenti jkunu wasslulha r-risposta taghhom dwar l-informazzjoni mitluba dwar l-ambjent.

Il-Ministru jista' jitlob li ma tinghatax risposta.

9. Minkejja l-artikoli 4, 5 u 8 ta' dawn ir-regolamenti, l-Ministru jista' jitlob lill-awtorità kompetenti f'isimha stess, jew f'isem awtorità pubblika, li tirrifjuta milli taghti risposta ghal talba dwar informazzjoni dwar l-ambjent meta tkun manifestament bla raġuni jew maghmula b'mod ġenerali jew meta din tkun taffettwa:

(a) il-konfidenzjalità tal-proċedimenti ta' entitajiet pubbliċi;

(b) ir-relazzjonijiet internazzjonali, id-difiża nazzjonali, jew is-sigurezza pubblika;

(ċ) affarijiet li jkunu *sub judice*, jew li dwarhom tkun qed issir inkjesta (inklużi inkjesti dixxiplinarji), jew li jkunu jiffurmaw is-suġġett ta' proċedimenti investigattivi preliminari;

(d) affarijiet ta' konfidenzjalità kummerċjali u industrijali, inkluża l-proprjetà intellettwali;

(e) il-konfidenzjalità ta' *data* u, jew *files* personali;

(f) materjal fornut minn terzi li ma jkunu taħt ebda obbligazzjoni legali li jagħmlu dan;

(ġ) materjal li meta tinkixef ix-xorta tiegħu, ikun wisq iktar probabbli li ssir ħsara lill-ambjent li dak il-materjal ikollu x'jaqsam miegħu;

(ħ) materjal li għadu ma ġiex konkluż;

(i) korrispondenza interna.

Iżda l-informazzjoni dwar l-ambjent li l-awtoritajiet pubbliċi jkollhom, tista' tingħata biss f'parti minnha meta jkun possibbli li tinsilet informazzjoni fuq ħwejjeġ li jolqtu affarijiet imsemmija fir-regolament 9 ta' dawn ir-regolamenti.

Iżda wkoll, meta jkun hemm tali rifjut l-awtorità kompetenti għandha tirrispondi bil-miktub jew bil-posta elettronika lill-persuna li tkun għamlet it-talba għall-informazzjoni dwar l-ambjent, u hemm tiddikjara x'ikunu r-raġunijet għal dak ir-rifjut.

Spejjeż biex jingħata dak it-tagħrif.

10. L-awtorità kompetenti tista' titlob ħlas raġonevoli biex tkopri l-ispejjeż li tagħmel biex tagħti l-informazzjoni meħtieġa.

Il-korpi pubbliċi jagħmlu pubbliku t-tagħrif li jkollhom.

11. L-awtorità kompetenti għandha tieħu l-passi meħtieġa biex tiżgura li l-informazzjoni konnessa ma' l-ambjent, li jkollhom korpi b'responsabbiltajiet pubbliċi għall-ambjent li jaqgħu taħt il-kontroll ta' l-awtoritajiet pubbliċi, tkun disponibbli skond dawn ir-regolamenti.